# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt


Rif Minuti 31/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 19/06/'07** **220**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 19/06/'07** **273**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fid-9.30 a.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro

1.05 Assenti: Il-Kunsillier David Borg.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Kien hemm preżenti s-Sur Albert Borg ta' l-MP&DC.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-13 ta' Ġunju 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti.
2. Korrispondenza

3. Tender għat-tmexxija tal-Ġnien ta' Ta' Ġiorni
4. Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv
5. Attivitajiet tal-Festa
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Request Sheets.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 30/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 30/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2617 | PA01598/06 – Applikazzjoni għall-bridge fi Triq Ġ Borg Olivier. |
| 2620&K572 | Ittra mingħand David Tortell rigward l-overflow ta' Stelle Alpine' fi Triq il-Fraxxnu, u l-ittra lill-Perit Lino Cachia. |
| 2651&K570 | Ittra mingħand it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern rigward Devoluzzjoni ta' Kuridur Ekoloġiku, Ta' Ġiorni, u l-ittra lill-MP&DC. |
| 2699 | Ittra mingħand Ta' Ġiorni Wolves rigward il-Football Ground ta' Ta' Ġiorni. |
| 2721&2802 | Ittri mingħand id-Diviżjoni tas-Saħħa rigward Amministrazzjoni ta' Insulina. |
| 2751 | Ċirk 49/2007 mingħand l-AKL rigward ftehim propost bejn il-Maltacom u l-Kunsilli Lokali. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 2699

B'riferenza għall-ittra mingħand Ta' Ġiorni Wolves ġie deċiż unanimament illi jiġu nfurmati li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jinħareġ tender għat-tmexxija ta' dan il-ground, għaldaqstant mitluba jittenderjaw bħal ħaddieħor.

2.03 Rif. Nru. 2721

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Diviżjoni tas-Saħħa rigward Amministrazzjoni ta' Insulina ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ tinżamm 'on hold' sakemm il-Kunsill jistudja il-pożizzjoni tiegħu
- ✓ Tiġi ċċarata Item 'N' tal-kundizzjonijiet tad-dokument li ntbagħat (Inc. 2802/07).

2.04 Rif. Nru. 2751

B'riferenza għall-AKL Ċirk 49/2007 rigward ftehim propost bejn il-Maltacom u l-Kunsilli Lokali ġie deċiż unanimament illi d-dokument jiġi mgħoddi lill-Kunsillier Edgar Montanaro biex jiggwida lil-Kunsill.

**3. Tender għat-tmexxija tal-Ġnien ta' Ta' Ġiorni**

3.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi meta l-Kunsill jingħata d-devoluzjoni ta' l-art jinħareġ tender għat-tmexxija tal-ġnien tal-proġett tal-Kuridur Ecoloġiku ta' Ta' Ġiorni ( il-parti tat-tieni fażi ) fejn fost affarijiet oħra jitniżżlu dawn il-kondizzjonijiet:-

a) bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. dan il-ground jintuża mir-residenti u t-tfal tal-lokalita';

b) Min jieħu t-tender ikun responsabbli għal kollox, jiġifieri għal ħlas tad-dawl u l-ilma, tindif tal-kumpless kollu, tbattil u tindif ta' bins, manutenzjoni kollha, eżempju

żebgħa, fixtures, fittings eċċ u li il-kumpless jinżamm fl-istess kundizzjoni li jkun ħadu;

c) Il-ħinijiet tal-ftuħ jkunu skond il-liġi;

d) Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jirċevihom il-Kunsill u jiġu mmedjatament mgħoddija lill-kuntrattur. Dawn iridu jiġu mħallsa sa tlett ġimgħat mid-data tal-kont. F'każ li dan ma jsirx il-Kunsill jirriserva d-dritt li jwaqqa' l-kuntratt;

e) Għandha ssir garanzija bankarja biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li ma jasalx għalihom il-kuntrattur.

f) F'każ li jkun hemm 'sub-contractors' dawn iridu jiġu approvati mill-Kunsill u jkollhom il-liċenzji kif mitluba mil-liġi;

g) Il-Kuntrattur u 'sub-contractor' għandhom jippreżentaw il-kondotta tal-pulizija;

h) Il-Kuntrattur irid ikollu polza ta' 'insurance' biex tkopri l-kumpless kollu kif ukoll biex tkopri terzi persuni. Il-Kunsill għandu jkollu kopja ta' din il-polza u japprovaha qabel jiġi iffirmat il-kuntratt;

3.02 Ġie deċiż unanimament illi dan it-tender jiġi ddraftjat mill-Kunsillier Edgar Motanaro flimkien mal-Avukat tal-Kunsill, u li tintbagħat kopja tiegħu lis-Sur Albert Borg, rappreżentant ta' l- MP&DC u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan sabiex il-Kunsill jiġi ggwidat sewwa.

3.03 Saret riferenza għall-Kuridur Ekoloġiku (l-ewwel fażi) u wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi s-Sur Albert Borg, MP&DC, jieħu l-azzjoni neċessarja sabiex issir applikazzjoni lill-MEPA biex isir taraġ bil-gate fuq in-naħa ta' barra, biex ikunu jistgħu jinżlu fin-naħa ta' isfel tal-ġnien.

3.04 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lil Schranz Ltd. fejn jiġi nfurmat li sal-15 ta' Settembru 2007 il-proġett irid ikun lest minn kollox biex isir il-ftuħ uffiċċjali.

3.05 Iċ-Chairman irringrazzja lis-Sur Albert Borg ta' l-attendenza tiegħu, filwaqt li ġie skużat fl-10.45a.m.

4. **Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Avviż Legali 127 ta' l-1998, kif emendat bl-Avviż Legali 174 ta' l-1998, 89 ta' l-2000, 64 ta' l-2001, 282 ta' l-2005 u 95 ta' l-2007 u ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv jiskadi fis-7 ta' Novembru 2007.

4.02 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman Peter Bonello ppropona li l-Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi mġedded.

4.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5. **Attivitajiet tal-Festa**

5.01 Ġie deċiż unanimament illi fiż-żmien il-Festa jiġu organizzati dawn l-attivitajiet:-

- ✓ Il-maratona;
- ✓ Il-Kunsilli jidħol b'kollaborazzjoni mal-baned tal-lokalita' u jingħataw Lm100 biex ikopru parti mill-ispejjeż;
- ✓ Dak in-nhar li jdoqqu l-baned u jgħaddu mit-triq tal-uffiċċju amministrattiv jiġu mistiedna l-Presidenti, s-segretarji u l-kaxxiera ta' l-għaqdiet tal-lokalita' flimkien mal-Membri Parlamentari tad-distrett għall-bibita fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, filwaqt li l-bandisti jingħataw bibita huma u għaddejjin;
- ✓ Waqt ir-riċeviment il-Każini tal-Banda jiġu ppreżentati bi trophy;
- ✓ Jingħata kopja ta' l-Innu tal-Kunsill lit-tlett baned tal-lokalita' biex jindaq fil-festa;

6. **Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2282 sal 2285 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

6.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7 Materji oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ambaxxatur Ċiniż il-ġdid għamel żjara ta' kortesija nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2007, fejn iltaqa' mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

7.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi ssir ikla biex tingħata merħba lill-Ambaxxatur Ċiniż. Id-data u l-ħin jiġu sstabiliti aktar il-quddiem.

7.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi t-tender għal van żgħir ser jagħlaq nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2007.

7.04 Ġie deċiż li jibdew jinġabru l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tad-dawl tal-Milied.

7.05 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni biex meta jkun indispost għall-aħħar ta' Ġunju bidu ta' Lulju, l-Viċi Sindku jattendi l-uffiċċju tal-Kunsill aktar mis-soltu.

7.06 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Jsiru żewġ bankijiet fi Triq San Ġorġ faċċata tal-Wembley Garage;
- ✓ Tiġi rranġata l-bankina u r-railings fi Triq Spinola, in-naħa tal-Bus Shelter, faċċata tal-monument LOVE;
- ✓ Il-Kunsilliera kollha jingħataw arloġġ bil-logo tal-Kunsill;
- ✓ jiġi rrakkomandat lill-ADT biex issiru rubber road humps f'Paceville Avenue u fi Triq il-Knisja ħdejn il-Rokna Restaurant fejn indika fis-site plan (ara Appendiċi 'Ċ').
- ✓ jiġi rrakkomandat lill-ADT biex isir un/loading bay fi Triq San Ġorġ ħdejn il-Focal bejn id-9.00 a.m. u 2.00 p.m.
- ✓ Fi Triq Claire E Engel fejn tinżel għal Triq Marmora jiżdied id-dawl;

7.07 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-11.30.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |